

Brussell, 8 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7299/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0079(COD)

CODEC 666
COMPET 262
IND 124
MI 251
POLCOM 84
WTO 34
RELEX 273
RECH 100

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju 2023².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2023³.

¹ 7568/23 + ADD1-5.

² ĠU C 349, 29.9.2023, p. 142.

³ ĠU C/2023/252, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/252/oj>.

4. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. Wara li l-Parlament Ewropew approva corrigendum għal dik il-pożizzjoni waqt is-sessjoni plenarja tiegħu tal-25 sat-28 ta' Frar 2024, ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova, bl-astensjoni tal-Bulgarija, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 78/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 16658/23.